Minuti tat-8 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tnejn 26 ta' Awissu, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 5.00pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**

Deputat Segretarju Ezekuttiv — Emily Amatulli Depasquale

**Assenti** — Lisa Marie Brooke

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tas-6 u 7 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tas-6 u 7 laqgha gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Jum l-Gharb**

2.1 Is-Sindku qara l-programm li kien gie ippreparat ghas-serata ta' Jum l-Gharb. Il-Kunsill qabel mall-programm.

Is-Sindku informa lill-Kunsill bin-nominazzjonijiet kollha li gew sottomessi ghall-premijiet marbuta ma' Jum l-Gharb kemm dawk mir-residenti kif ukoll dawk mill-Ghaqdiet Lokali li gew mistiedna jissottomettu n-nominazzjonijiet taghhom.

Nominazzjonijiet Premju Gharb – Gew nominati s-segwenti persuni Michael Bajada, Raymond Cauchi, David Apap Agius, Bernardette Vella, Consiglia Azzopadi, Alfred Cauchi u Esther Mizzi. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu interess personali in konnessjoni man-nominazzjonijiet sottomessi u ghalhekk irtira mill-kamra. Il-Vici-Sindku Louis Apap kompla ippresieda u wara diskussjoni l-Kunsill qabel li dan il-premju ghandu jigi moghti lil Esther Mizzi.

Is-Sindku rega' dahal lura fil-kamra.

Nominazzjonijiet Premju Qlub Generuzi – Gew nominati s-segwenti persuni Sunta Apap u Familja Mary u Salvu Cassar ta' Triq Virtu'. Is-Sindku informa lill-Kunsill li anke fin-nominazzjonijiet ta' dan il-premju kellu interess u huwa ghalhekk li irtira mill-kamra pero' xtaq qabel jinnomina lil Sunta Camilleri ghal dan il-Premju. Il-Vici Sindku Louis Apap kompla ippresieda u wara diskussjoni l-Kunsill qabel li dan il-premju ghandu jigi moghti lil Familja Cassar ta' 'St Mary', Triq il-Madonna tal- Virtu'.

Is-Sindku rega' dahal lura fil-kamra.

Nominazzjoni Premju Volontarjat Lokali – Gew nominati s-segwenti persuni Louis Apap, Ruben Camilleri Cauchi, Manuel Galea, Joseph Farrugia u Joseph Formosa. Louis Apap informa lill-Kunsill li kellu interess personali u huwa ghalhekk li irtira mill-kamra. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li dan il-premju ghandu jinghata lil Emanuel Galea.

Il-Vici-Sindku rega' dahal fil-kamra.

The Gharb Gozitan Cultural Award – Fir-rigward ta' dan il-premju s-Sindku informa lill-Kunsill li kien gie ikkuntatjat id-Dipartiment tal-Kultura ta' Ghawdex pero' dawn ma' tawx risposta dwar is-suggerimenti taghhom ghal dan il-premju. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghal din is-sena dan il-premju ghandhu jigi moghti lill-Gozo Photographers Association.

Il-Kunsill qabel li bhala setup tas-serata ghandu jintuza dak tas-sena precedenti fejn ghandhom jigu mikrija siggijiet u jintuza servizz tal-PA /Light ghall-kwotazzjoni sottomess ta' €250.

## 3.0 Applikazzjoni PC0026/13

Is-Sinku informa lill-Kunsill li ingabru madwar 400 firma u intbghatu l-ittri f'dan ir-rigward bil-punti kif diskussi fil-laqgha precedenti sabiex il-Kunsill jilhaq jissottometti kollox qabel l-iskadenza moghtija mill-MEPA. Intbghatet ukoll ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jintalab jirtira l-applikazzjoni minnu sottomessa. Is-Sindku zied jghid li fuq parir tal-MEPA l-firem ma intbghatux f'dan l-istadju minhabba 'Data Protection'. Jekk fil-futur tinhass il-bzonn dawn ikunu jistghu jintbghatu.

## 4.0 Aggornament dwar Xogholijiet u Progetti

4.1 Progett M323 – Is-Sindku spjega li l-Perit ipprepara kontijiet pendenti fejn kif jidher kien baqa' savings ta' madwar €31,000.

4.2 Progett M313 – Is-Sindku spjega li f'dan il-progett ghad baqa' li ssir il-jogging track u fil-prezent qed isir xoghol sabiex is-savings li ser jibqa' minn dan il-progett jintuzaw ghax-xoghol preparatorju.

4.3 Xoghol mil-WSC fi Triq Karmni Grima – Is-Sindku spjega li fir-rigward tax-xogholijiet ta' trenching li saru min-naha tal-Water Services Corporation gie ikkuntatjat il-Water Services Corporation sabiex jiehdu azzjoni u t-toroq jigu imsewwija. Il-Kunsill qabel li jekk il-WSC tibqa' ma tiehux azzjoni f'dan ir-rigward ix-xoghol isir min-naha tal-Kunsill u jintbghat l-kont lil WSC.

4.4 Emanuel Muscat semma t-toqob ta' Triq Birbuba u staqsa meta ser isir ix-xoghol ta' manutenzjoni. Is-Sindku spjega li l-handyman tal-Kunsill ser ikun qieghed jigi inkarigat sabiex isewwi dawn l-imsemmija toqob.

4.5 Carmen Vella semmiet tappiera li hemm quddiem il-post numru 9 fi Triq il-Knisja peress li qeghda kerha. Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-prezent il-perit qed jara l-kont tax-xogholijiet ta' Triq il-Knisja mall-kuntrattur u din hija parti minn dan ix-xoghol.

**5.0 Skeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva l-Iskeda tal-Pagamenti annessa liema skeda giet iffirmat mill-membri kollha prezenti. B'zieda ma' din l-iskeda gew approvati ukoll il-hlasijiet tal-Progett M323 li kienu ta' Nicky Saliba ghall-ammont ta' €11,554.26, tal-Baron Contracts ghall-ammont ta' €43,660.02 kif ukoll ta' Chris Gauci ghall-ammont ta' €3770.00.

**6.0 Korrispondenza u materi ohra**

6.1 Il-Kunsill qabel li l-harga ta' l-Anzjani ghandha ssir il-Hamis 19 ta' Settembru.

6.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar ilmenti li waslu minn residenti fir-rigward ta' skart li gie mitfuh f'diversi inhawi. Wahda mill-problemi tirrigwardja skart li qed jithalla fejn it-telephone box tal-fgura fejn hawnhekk sahansitra kienet twahhlet sticker u wara ftit tas-sighat regghet inqallghet. Is-Sindku informa lill-Kunsill li qeghda tintbghat ittra registrata lir-residenti kollha ta' dawn l-inhawi sabiex tingibed l-attenzjoni u tinfurmahom li ser jehlu CCTV Cameras fil-post u min jinqabad jehel penali u jittiehdu passi legali kontrih.
Din il-problema ta' skart tinsab ukoll f'postijiet ohra madwar il-lokalita' fosthom faccata ta' Joseph Cassar fi Triq Truq, fejn it-telephone box ta' Pjazza Gerano, San Pietru kif ukoll Birbuba. Il-Kunsill qabel li ghandhom jehlu signs fejn tkun indikata ukoll is-

simbolu tac-CCTV Cameras sabiex ikun hemm indikata li dawn iz-zoni huma mghammra b'CCTV Cameras. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn il-cameras ghandhom jigu registrati kif titlob il-ligi fiz-zoni kollha indikati.

Louis Apap staqsa dwar il-probelma ta' skart ta' Trejqet is-Sisien fejn s-Sindku infurmah li din il-problema tidher li giet solvuta.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li Salvu Cilia ser ikun qieghed inaddaf Triq il-Madonna tal-Virtu' u li l-haddiema tal-Kunsill fil-prezent qeghdin Wied il-Mielah jaghmlu manutenzjoni lil-hitan tas-sejjieh.

6.3 Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-Jogging track jidher li l-istima ghal dan ix-xoghol tammonta ghal madwar €95,000. Kif diga spjegat aktar kmieni jidher li jidher li ghad baqa' savings ta' madwar €37,000. Ghal dawn is-savings il-Kunsill qed jitlob sabiex dawn jintuzaw ghax-xoghol preparatorju. Min-naha l-ohra l-Kunsill ser ikun qed japplikaw sabiex jinghat fondi taht Mizura 313 li infethet f'dawn il-granet u li ser taghaq ghall-ahhar ta' Settembru fejn jekk tigi milqugha l-applikazzjoni b'dawn l-imsemmija fondi l-Kunsill ikun jista' jiffinalizza l-jogging track li fost ohrajn jinkludi l-upgrade, is-sistema tad-dawl kif ukoll il-fence. F'din it-tieni applikazzjoni ser jissemma' ukoll il-fatt li fl-ewwel applikazzjoni l-Kunsill ma kienx applika ghall-ammont kollu ta' fondi.

6.4 Is-Sindku semma ukoll li fil-prezent qeghda tigi iffinalizzata l-applikazzjoni tan-Network Twinning fejn fiha dahlu partners mill-Grecja, Rumanija u Taljani. Is-Sindku spjega li jekk tigi milqugha fis-sena 2014 isir tlett zjarat li jinkludu Malta, l-Italja u l-Grecja filwaqt li fl-2015 isir zjara fir-Romanija.

6.5 Carmen Vella staqsiet dwar korsijiet ghal matul ix-xitwa. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru korsijiet tal-Malti, Kompjuter u arti.
Emanuel Muscat issuggerixxa li ghandu jigi ikkuntatjat Victor Galea sabiex ghal korsijiet organizzati mill-Kunsill ikunu jistghu jattendu residenti mhux biss mill-Gharb imma mill-areas tal-madwar. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

6.6 Gie trattatat email minghand Prunella Evans fejn qed tistaqsi lill-Kunsill jekk Triq San Dimitri hijiex triq pubblika ghar-raguni li hemm postijiet fejn qed isir il-kacca li huma qrib hafna tat-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi registrat ilment fuq is-sistema tal-Customer Care u jintbghat lil MEPA.

6.7 Minghand Prunella Evans fir-rigward ta' talba ghal ghajuna ghall-SPCA ghall-ammont ta' €50. Il-Kunsill qabel li jekk SPCA jaqghu taht l-NGO's ghandhom jinghataw permess sabiex jaghmlu kollezzjoni

ta' flus waqt attivita' tal-Kunsill u jigu offruti anke l-opportunita' li jtellghu Car Boot Sale waqt Seher il-Punent.

6.8 Minghand Mallia fir-rigwad ta' tigdid tal-membership tal-librara ghall-ammont ta' €12. Il-Kunsill qabel li din il-membership ghandha tigi imhallsa.

6.9 Minghand l-MCAST fir-rigward ta' brouchers tal-Part-Time Courses li qeghdin joffru.

6.10 Minghand il-board ta' l-Appelli fir-rigward tal-Applikazzjoni ERDF 320 – Gharb Civic Centre: Improving Quality of Life of the Local Community fejn il-Kunsill gie mistieden sabiex jattendi ghall-appell li ser jinstema fid-19 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li s-Sindku ghandu jattendi ghal dan l-appell.

6.11 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali:-
Memo 17/2013 – Skema ta' ghajnuna finanzjarja ghall-streaming tal-laqghat online – Acknowledgement
Memo 90/2011 – Claim ghar-refund dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet 2012 – Acknowledgement

6.12 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:-
PA1880/12 – Kappella San Dimitri – Release tal-Garanzija Bankarja.
PA2401/09 – Kappella San Dimitri – Release tal-Garanzija Bankarja.
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp – PA2274/13.

6.13 Minghand Nikol Gallery fir-rigward ta' gallerija ta' arti gdida fejn qeghdin jigu ezebiti diversi tipi ta' arti.

6.14 Minghand il-Kunsill Lokali ta' Enna – Sqallija fir-rigward ta' ftehim li gie iffirmat ghall-progett tal-'Youth Award Innovative Enterprises'.

6.15 Carmen Vella gibed l-attenzjoni dwar bouginvilla li hemm mall-faccata tar-residenza ta' Joe Grima fil-parti d-dejqa ta' Triq il-Knisja. Is-Sinku spjega li din hija problema li tinsab f'diversi inhawi ta' madwar ir-rahal u li trid tinsab soluzzjoni ghalija.
Emanuel Muscat issuggerixxa li tista' tintalab mizata fuq bazi annwali peress li dawn qeghdin fuq il-bankina. Is-Sindku qal li sabiex isir dan trid issir bye-law. Il-Kunsill qabel li'dan ir-rigward ghandu jigi ikkuntatjat l-Avukat Bigeni sabiex jara kif tista' ssir din il-bye-law u anke ghal bye-law ohra fir-rigward tal-garr ta' nar.

6.16 Carmen Vella gibdet l-attenzjoni dwar il-fence ta' triq l-Gharb fejn dan qieghed ta' periklu. Gie deciz li ghandu jigi ikkuntatjat Euchar Vella bhala sid ta' Karkanja Ltd li qed jaghmlu xoghol f'din iz-zona u jekk sa tlett t'ijiem ma jitrangax il-Kunsill ser jghaddi l-kaz lill-pulizija.

6.17 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar rapport li sar lil Kunsill, Tranport Malta u Pulizija fir-rigward ta' trakkijiet u makkinarju ohra li qed jithalla ipparkjat fi Triq Tumas Cassar.

6.18 Emanuel Muscat semma dwar skart li qed jintefa' f'ghalqa fi Triq Birbuba ma' genb ir-residenza ta' Franklin Farrugia. Is-Sindku informa li f'kazi bhala dawn il-MEPA ghandha ligi li tghid li suppost li l-ghalqa ikollha hajt u huwa ghalhekk li jista' jsir rapport lill-MEPA sabiex tigi infurzata. Min-naha l-ohra fir-rigward ta' skart ser jigi infurmat Salvu Cilia sabiex inaddaf l-iskart mitfuh.

6.19 L-offerta' M323-19 ser taghlaq fis-7 ta' Settembru u huwa ghalhekk li l-Kunsill qabel li ghandu jinhatar il-Board ta' evalwazzjoni kompost minn Dr. Joshua Grech, Dr. Josette Spiteri u Paul Zahra sabiex tigi evalwata din l-offerta'. Il-Kunsill gie infurmat li l-offerti ser jinfethu nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru fid-9am.

6.20 Louis Apap semma li fl-opinjoni tieghu l-isem tal-Pjazza Principali li huwa 'Pjazza Zjara tal-Madonna' huwa isem ftit bombastiku u huwa ta' l-opinjoni li dan l-isem ghandu jinbidel f'wiehed aktar semplici bhala per ezempju 'Pjazza tal-Vizitazzjoni'. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jigi diskuss fl-Agenda tal-laqgha li jmiss.

**7 Aggornament**

7.2 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar il-Erbgha 18 ta' Settembru, 2013.

7.2 Il-laqgha spiccat hin 6.20pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv